

Brussell, 2 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

7971/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0093 (NLE)

WTO 75
SERVICES 24
COASI 92

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) ...

ta'...

**dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea
tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea
u r-Repubblika ta' Singapore**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tal-Artikolu 218(6) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) ... ¹⁺, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (il-Ftehim), ġie ffirmat fi ...⁺⁺.
- (2) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova, f'isem l-Unjoni, il-pożizzjoni li trid tiġi adottata fil-Kumitat tal-Kummerċ dwar ċerti modifiki għall-Ftehim li jridu jiġu adottati bi proċedura simplifikata. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata li tapprova modifiki li jridu jiġu adottati mill-Kumitat tal-Kummerċ skont l-Artikolu 9.18 (Modifika u Rettifika tal-Kopertura) fir-rigward tal-Annessi 9-A sa 9-I għall-Ftehim, wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(3) tat-Trattat. Jenħtieġ li din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-modifiki għal impenji taħt l-Anness 9-E Parti 2 għall-Ftehim. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun awtorizzata tapprova modifiki li jridu jiġu adottati mill-Kumitat tal-Kummerċ skont l-Artikolu 10.17 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) u 10.18 (Emenda tal-Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fir-rigward tal-Annessi 10-A u 10-B għall-Ftehim.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE)... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (ĠU L ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok ikkompleta n-numru, id-data u r-referenza tal-publikazzjoni għad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 7970/18.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 7972/18 INIT.

- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f' isem l-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 16.16 (Ebda Effett Dirett) tal-Ftehim, jenħtieġ li l-Ftehim ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DECIJZJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 9.18 (Modifika u Rettifika tal-Kopertura), il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki jew ir-rettifiki tal-Annessi 9-A sa 9-I għall-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(3) tat-Trattat. Dan l-Artikolu ma japplikax għall-modifiki ta' impenji taħt l-Anness 9-E Parti 2 għall-Ftehim.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 10.17 (Sistema ta' Protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) u 10.18 (Emenda tal-Lista ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi) tal-Ftehim, il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki tal-Annessi 10-A u 10-B għall-Ftehim għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 16.13(2) tal-Ftehim, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.¹

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.